# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Diċembru, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 958/2018 TA**

**Cassar Fuel Ltd (C 28453)**

**Vs**

**Avv Christian Farruġia id numru 441363 M bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera Naftsea Shipping and Trading Co S.A proprjetarja tal-Bastiment bl-isem M/T GAZ UNITY li għandhu IMO numru 8001763.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Cassar Fuels Ltd (is-Soċjeta' Attriċi) tat-28 ta' Settembru 2018 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. ''Jiena inkarikata bħala kap esekuttiv tas-soċjeta' rikorrenti.
2. Illi fit-20 ta' Ottubru 2014 is-soċjeta rikorrenti biegħet u debitament ikkonsenjat lill-vapur M/T GAZ UNITY, kwantita ta' fuel oil għall-prezz ta' **tlett mija u sebgħa u tletin elf u mija u sittin Dollaru Amerikan u ħmistax il-ċenteżmu tad-Dollaru Amerikan, (USD $ 337,160.15), ekwivalenti għal tlett mija u sebgħa t'elef, mija tlieta u għoxrin Euro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-Euro (€307,123.24)** kopja tal-invoice annessa u mmarkata '**Dok H**' u kopja tal-

aċċettazjoni tal-konsenji mill-Bastiment magħrufa bħala *Bunker Delivery Note* mmarkata **'Dok A**'.

3. Illi s-soċjeta intimata fil-mument tal-imsemmija konsenja kienet il-propretarja tal-imsemmi MT/GAZ UNITY, u għadha l-propretarja tal-imsemmi bastiment sal-ġurnata tal-llum.

4. Illi għalkemm interpellati diversi drabi sabiex jħallsu l-imsemmi sidien tal-Bastiment naqsu milli jħallsu.

5. Illi għalhekk s-soċjeta intimata għandha tħallas lis-soċjeta rikorrenti s-somma totali ta' **tlett mija u sebgħa u tletin elf u mija u sittin Dollaru Amerikan u ħmistax il-ċenteżmu tad-Dollaru Amerikan, (USD$ 337,160.15), ekwivalenti għal tlett mija u sebgħa t'elef mija tlieta u għoxrin Euro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-Euro (€307.123.24).**

6. In segwitu għall-diversi interpellanzi u sabiex jiġi evitat l-arrest tal-Bastiment de quo l-istess bastiment u is-sidien tiegħu ddepositaw u ikkonsenjaw lis-soċjeta attriċi Garanzija Bankarja għall-imsemmi ammont li vera kopja tagħha hija hawn mmarkata **'Dok B'** sabiex din il-garanzija Bankarja tista tiġi sbankata skond il-liġi f'każ ta' deċizjoni favur s-soċjeta attriċi.

7. Illi s-soċjeta attriċi interpellat diversi drabi lis-soċjeta intimata għall-ħlas effettiv u minn naħa tagħha s-soċjeta intimata rriservat il-posizzjoni tagħha stante li kellha biża li l-aġenti OW Bunkers Spain SL setgħu ukoll jitolbu l-ħlas tal-konsenja in segwitu għall-falliment tal-istess soċjeta.

8. Illi s-soċjeta intimata kienet u għadha vinkolata bil-kundizzjonijiet tal-konsenja li huma *Cassar Fuel Lid-Terms and Conditions of Supplies* **(Dok C)** li mal-konsenja s-sidien tal-Bastiment u l-istess bastiment jkunu solidalment u pjenament resposnabbli għal kull konsenja minnhom aċċettata.

9. Illi permezz ta' ittra uffiċjali numru 97/18 tal-11 ta' Jannar 2018 **(Dok D)**, is-soċjeta intimata interpellat lis-soċjeta attriċi tikkonsenja lura l-garanziji Bankarji mgħotija bħala obligazioni eventwali tal-kreditu. Illi minn naħa tagħha s-soċjeta attriċi irrispondiet permezz tal-ittra uffiċjali numru 251/2018 tat-23 ta' Jannar 2018 **(Dok E)** fejn interpellat s-soċjeta intimata għall-ħlas finali mentri kull trattattiva bonarja baqgħet mingħajr esitu.

10. Illi s-soċjeta attriċi permezz tal-ittra uffiċjali ulterjuri numru 2172/18 tal-21 ta' Ġunju 2018 (Dok F) interpellat lis-soċjeta intimata tħallas l-ammont ta' tlett mija u sebgħa u tletin elf u mija u sittin Dollaru Amerikan u ħmistax il-ċenteżmu tad-Dollaru Amerikan, (USD $ 337,160.15) piu interessi legali fuq l-istess ammont dekoribbli mill- 20 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-ħlas effettiv.

11. Illi s-soċjeta attriċi espressament invokat u ġabet a formali konjizzjoni tas-soċjeta intimata d-deċiżjoni finali u mhux appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 2018 Rikors Numru 1086/14 LM fl-ismijiet Cassar Fuel Limited vs Bastiment Princesa Guasimara **(Dok G)** fejn ġie issa stabilit illi ai termini tal-liġi Maltija u ai termini tal-konsenja identika bħal dik tal-bastimenti

minnek rappresentat l-Bastiment u s-sidien intimati huma responsabbli għal ħlas tal-konsenji piu l-interessi mid-data tal-konsenja.

**12.** Illi peress li ma sar ebda pagament kellha ssir din il-kawża.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tgħid is-soċjeta' intimata, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara illi s-soċjeta intimata **Naftsea Shipping and Trading Co S.A debitriċi tas-soċjeta rikorrenti u** għandha tagħti lis-soċjeta rikorrenti s-somma ta' **tlett mija u sebgħa u tletin elf u mija u sittin Dollaru Amerikan u ħmistax il-ċenteżmu tad-Dollaru Amerikan. (USD $ 337,160.15),** ekwivalenti għal tlett mija u sebgħa t'elef, mija tlieta u għoxrin Euro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-Euro (€307,123.24), u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali kif jista jiġi kkalkolat mill-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u li sad-data tal-presentata tal-kawża jammontaw għas-somma premessa fid-dokument hawn esebit **Dokument MB** kalkolabbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha piu l-ispejjes legali u spejjes ġudizzjarji.

2. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' **tlett mija u sebgħa u tletin elf u mija u sittin Dollaru Amerikan u ħmistax il- ċenteżmu tad-Dollaru Amerikan, (USD$ 337,160.15), ekwivalenti għal tlett mija u sebgħa l'elef, mija tlieta u għoxrin Euro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-Euro (€307,123.24), u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha piu l- ispejjes legali u spejjes ġudizzjarji.**

3. Tordna l-ħlas effettiv u l-isbank tal-Garanzija Bankarja maħruġa mill-istess soċjeta intimata u l-Bank Of Valletta, garanzija numru G13TFC38777 b'riserva għall-kull ammont ulterjuri dovut ai termini tad-decide ta' din l-Onorabbli Qorti li jkun dovut u pagabbli separatament u addizzjonalment mal-import tal-istess garanzija bankarja **(Dok B)**.

Bl-ispejjeż kollha, ta' dawn il-proċeduri u inkluż l-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-sommom kollha kontra l-istess soċjeta intimata, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni''.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Christian Farruġia bħala mandatarju speċjali tas-Soċjeta' estera Naftsea Shipping and Trading Co S.A propjetarja tal-bastiment M/T GAZ Unity (il-konvenut nomine li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

**1.** ''Illi fl-ewwel lok u preliminarjament din l-azzjoni hija perenta a tenur tal-artikolu 544(c) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta'.

**2.** Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni kif proposta mis-soċjeta attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontriha stante li a kuntrarju ta' dak li tghid l-attriċi, is-soċjeta konvenuta ħallset l-ammonti kollha dovuti

kuntratwalment lill-kumpannija li magħha kellha relazzjoni kuntrattwali, cioe OW Bunker Malta Limited u mhux OW Bunker Spain SL, kif indikat żbaljatament mis-soċjeta attriċi, u dan kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. CJF1 sa Dok. CJF3 u għaldaqstant is-soċjeta konvenuta ssodisfatt l-obbligi kollha kuntrattwali tagħha u xejn ma huwa dovut minnha lis-soċjeta attrici;

3. B'riserva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri;

**Dikjarazzjoni tal-fatti**

4. Illi s-soċjeta konvenuta qiegħda tirribatti dak dikjarat mis-soċjeta attriċi sa fejn dan ma jaqbilx ma dak li sejra tiddikjara s-soċjeta konvenuta f'din id-dikjarazzjoni tal-fatti;

5. Illi l-forniment ta' fuels in kwistjoni lill-vapur MT Gaz Unity seħħet f'Ottubru 2014 u dan skont il-prassi konsweta ta' diversi konsenji preċedenti permezz ta' liema prassi is-soċjeta konvenuta ikkuntratat mas-socjeta OW Bunker Malta Limited sabiex tipprovdi l-bunkers lill-bastiment. Jidher li OW Bunker Malta Limited da parti tagħha ikkuntratat ma' OW Bunker Spain SL li daħlet f'kuntratt ulterjuri mas-soċjeta attriċi sabiex tipprovdi l-bunkers u taċċetta l-ħlas mingħand OW Bunker Spain SL.

6. Illi s-soċjeta konvenuta qatt ma kellha rabta kuntrattwali mas-soċjeta attriċi u lanqas mas-soċjeta OW Bunker Spain SL u kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. CJF1 sa Dok. CJF3, is-soċjeta ħallset dak kollu dovut minnha fil-kuntest tal-konsenja de quo lill-OW Bunker Malta Limited kif sar diversi drabi f'okkażjonijiet preċedenti.

7. Illi għalhekk is-soċjeta konvenuta adempilet l-obbligi kuntrattwali tagħha;

8. Illi huwa ukoll evidenti li s-soċjeta attriċi ma ġabitx azzjoni entro t-terminu perentorju ta' sentejn stabbiliet al termini tal-artikolu 544 (c) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-konensja seħħet f'Ottubru 2014 u l-azzjoni ġiet istitwita f'Settembru 2018;

9. Illi huwa ukoll relevanti li jiġi osservat li, kif indikat mill-attur fis-sitt paragrafu tar-rikors ġuramentat, s-soċjeta konvenuta kellha ukoll toħroġ garanzija bankarja in kawtela tal-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi għall-pagament tal-prezz tal-formiment tal-bunker stems, b'dan li din il-garanzija bankarja inħarġet mis-soċjeta' konvenuta mingħajr ebda preġudizzju għall-kontestazzjoni tagħha tal-pretensjonijiet infondati tas-soċjeta attriċi;

10. Illi minkejja dan is-soċjeta attriċi ma ġabitx l-azzjoni prevista mill-istess garanzija bankarja fit-terminu perentorju stabbilit mill-liġi u kien biss wara li s-soċjeta konvenuta ħadet azzjoni ġudizzjarja kontra s-soċjeta attriċi permezz ta' l-ittra uffiċjali numru 100/18 datata 11 ta' Jannar 2018 (annessa u mmarkata bħala Dok D fir-rikors ġuramentat) li s-soċjeta attriċi għoġobha tintavola l-azzjoni preżenti.

11. Illi jiġi ukoll osservat, għal kull buon fini, li l-kawża msemmija mill-atturi fil-ll-il paragrafu tar-rikors ġuramentat, minbarra li kjarament ma torbotx il-partijiet fil-kawża odjerna, fi kwalunkwe każ ma tapplikax għall-proċeduri odjerni u dan mhux biss għaliex il-kawża in kwistjoni kienet titratta debitu li ma kienx dekadut bħal ma huwa l-każ fil-proċeduri odjerni;

12. Illi għalhekk huwa ċar li t-talbiet tas-soċjeta attriċi huma infondati kemm legalment kif ukoll fattwalment.

13. IIli l-konvenut nomine jiddikjara li jaf b'dawn il-fatt personalment billi assista lis-soċjeta konvenuta fil-kwistjoni mill-bidu tal-vertenza;

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-konvenut nomine jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tas-soċjeta attriċi fil-konfront tagħha bl-ispejjeż kontra l-istess socjeta attriċi;

B'riserva sħiħa għad-drittijiet kollha tas-soċjeta konvenuta, inkluż id-dritt għall-azzjoni għad-danni kontra s-soċjeta attriċi''.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Qieset il-provi kollha imressqa.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semgħet lil-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw l-Kawża fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza flimkien ma oħrajn fuq il-lista' tal-lum.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Fit-20 ta' Ottubru 2014, is-Soċjeta' Attriċi issupliet kwantita' ta' karburanti (oil fuel) lill-bastiment M/T Gaz Unity u dan versu l-prezz ta' $337,160.15 ekwivalenti għal €307,123.25. Dan jirriżulta anke mill-Bunker Delivery Note Dok A annessa mar-rikors ġuramentat.

Ma hux kontestat li l-konvenut nomine huwa l-propjetarju tal-bastiment inkwistjoni. Li ma kienx hekk ċertament kien jissolleva eċċezzjoni fis-sens, li mhux propjetarju.

Is-Soċjeta Attriċi interpellat lir-rikorrent nomine biex jgħaddi għall-ħlas tas-somma indikata iżda dan baqa' inadempjenti. Is-Soċjeta' Attriċi, wara diversi drabi titlob il-ħlas inutilment, sakemm fl-aħħar kienet kostretta li titlob l-arrest tal-bastiment. Biex jiġi elevat l-arrest tal-bastiment, il-konvenut nomine kellu jikkonsenja u jiddeposita garanzija bankarja fl-ammont li qiegħed ikun reklamat mis-Soċjeta' Attriċi (ara a' fol 6).

Is-Soċjeta' konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas għaliex is-sostni li hija obbligata li tħallas lill-aġenti tagħha OW Bunkers Spain S.L. Il-grupp O.W. Bunkers jinsabu fi proċeduri ta' falliment. Il-konvenut nomine jsostni, li kieku kellu jħallas lis-Soċjeta' Attriċi jkun qiegħed jitqiegħed f'pożizzjoni li jħallas darbtejn għaliex ir-relazzjoni ġuridika tiegħu hija ma' O.B Bunkers u mhux mas-Soċjeta' Attriċi.

Il-konvenut nomine għalkemm interpellat diversi drabi biex jgħaddi għall-ħlas, mhux biss ma ħallas, iżda permezz ta' ittra uffiċjali datata 11 ta' Jannar 2018 interpellat lis-Soċjeta' Attriċi tikkonsenja u tirrilaxxja l-garanzija inkwistjoni.

Għalhekk saret din il-Kawża.

**<u>Punti ta' liġi</u>**

Fis-sempliċita' tagħha, il-Kawża titratta azzjoni ħlas ta' prezz ta' karboranti li supliet is-Soċjeta' Attriċi lill-bastiment bl-isem ta' M/T GAZ UNITY. Pero' is-sitwazzjoni fattwali ma hiex daqshekk faċli peress li si tratta ta' komodita' li l-

proċess tal-bejgħ tagħha jista' jġib miegħu kunsiderazzjonijiet li ma jirrikorrux f'bejgħ sempliċi ordinarju.

Il-konvenut nomine jqanqal żewġ eċċezzjonijiet.

L-ewwel eċċezzjoni l-ammont mitlub ma hux dovut għaliex l-azzjoni ma saritx entro t-terminu li jiddisponi l-artikolu 544(c) tal-Kap 13 tal-liġijiet ta' Malta.

It-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li l-konvenut nomine diġa' ħallas l-ammonti li qed ikunu reklamati "*lill-kumpanija li maghha kellha relazzjoni kuntrattwali, cioe' OW Bunker Malta Limited*". Għalhekk, fi kwalunkwe każ, ma hux dovut.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti ser tkun qed titratta l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine fis-segwenza fuq imsemmija. Jekk l-ewwel eċċezzjoni tirriżulta li hija fondata fil-liġi, din il-Qorti ma jkolliex għalfejn tidħol fil-mertu u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet.

*L-artikolu 554 (c) tal-Kodici tal-Kummerc*

L-artikolu 544(c) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jiddisponi hekk:

*"L-azzjonijiet li ġejjin jaqgħu bil-preskrizzjoni kif sejjer jingħad hawn taħt jaqghu bl-gheluq:…….*

*(ċ) kull azzjoni għall-ħlas ta' njam u ħwejjeg oħra meħtieġa għall-bini, armar u forniment ta' bastiment, sentejn wara li dak l-injam jew ħwejjeġ oħra jiġu fornuti;"*

Id-dibattitu li qam bejn il-partijiet fil-kawża jirrigwarda il-kelma "fornituri" f'dan l-artikolu tal-liġi. Il-kwistjoni kollha iddur madwar jekk dawn il-fornituri għandhomx

ikunu in konnessjoni mal-mument tal-bini tal-bastiment jew humiex fornituri, li jsiru fi kwalunkwe mument, anke meta il-Bastiment ikun diġa' inbena.

Jibda biex jingħad, li mill-kliem użat f'din il-parti tal-liġi huwa evidenti, li minn dak in-nhar li ġiet introdotta, qatt ma ġiet emendata biex tkun tirrifletti l-avvanzi teknoloġiċi kbar fil-bini tal-bastimenti. Din il-parti tal-liġi, daħlet fis-seħħ bil-Proklama Nru. XXI tat-2 ta' Ottubru, 1857. Kien fiż-żmien meta l-bastimenti kienu jinbnew bl-injam u l-propulsjoni kienet bis-saħħa tar-riħ bil-mezz tal-qlugħ. Għalhekk il-Qorti tifhem, għala r-referenza għall-injam u mhux ħadid, li huwa l-materjal li prinċipalment jintuża biex jinbnew il-bastimenti tal-lum.

Artikolu simili bħal dan, insibuħ taħt it-titolu tal-preskrizzjonijiet partikulari ossia brevi tal-Kodiċi Ċivili. Artikolu 2149(a) jiddisponi hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*….(a<u>) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar</u>, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu."* (Emfażi tal-Qorti).

Minn dak li r-riċerkat il-Qorti, anke din il-parti tal-liġi qatt ma inbidlet minn meta daħlet fis-seħħ bl-Ordinanza VII tal-1868. Għalhekk ir-referenza għal darba oħra għall-injam fil-każ ta' bini ta' bastimenti. Il-Qorti pero' trid tara kif l-artikolu 544(c) tal-Kap 13 tal-liġijiet ta' Malta jista' jkun rikonċiljat ma' dak tal-Kodiċi fuq imsemmi inkwantu it-tnejn jirreferu għall-perjodu estintiv tal-azzjoni fejn si tratta il-bini ta' bastimenti. Dak tal-Kodiċi tal-Kummerċ it-terminu huwa perentorju u

ta' żmien sentejn, dak tal-Kodiċi Ċivili huwa ta' preskrizzjoni ukoll għal żmien sentejn, pero' mentri dak tal-Kodiċi Ċivili huwa prekrittiv, dak tal-Kodiċi tal-Kummerċ huwa perentorju, fattur li huwa determinanti ħafna.

Ma hemm ebda dubbju, li l-Kodiċi tal-Kummerċ huwa liġi speċjali li jirregola attivita' speċjali tal-kummerċ. Fid-dawl tal-prinċipji enunċjati fil-prolegomena tat-tifsir tal-liġi in ġenerali, abbażi tal-prinċipju *lex specjalis derogat generalis*, il-Qorti hija tal-fehma, li għaċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din għandha tikkonsidra l-artikolu 544(c) tal-Kap 13 tal-liġijiet ta' Malta u mhux dak tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti tfakkar li kieku bejn id-disposizzjonijiet tal-liġi kien hemm qbil ma kienx ikun hemm problema. Imma kwantu għax-xorta tat-termini taż-żmien, fid-dawl ta' kif dedotta il-pretenzjoni odjerna, dawn huma profondament diversi. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati jgħallmu, li jekk bejn liġi ġenerali u dik speċjali ma jkunx hemm qbil, tgħodd dik speċjali, b'ħarsien tal-assjoma li "lex specialis derogat generalis" (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Lulju, 2019, l-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-numru 146/2019, fl-ismijiet: GLD Services Limited -vs-Atomos Limited.**

Għalhekk stabbilit li din il-Qorti ser tikkonsidra l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 544 (c) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, issa jmiss li jiġi kkunsidrat, jekk it-terminu ta' sentejn huwiex wieħed preskrittiv jew ta' dekadenza. Dan qed jingħad għaliex qiegħed isir l-argument, li bl-għotja tal-garanzija mogħtija mill-konvenut nomine jekk it-terminu huwa wieħed preskrittiv, kull żmien li laħaq għadda ġie interrot.

Ir-risposta għal dan il-kweżit jagħtiħ l-artikolu 541 tal-Kodiċi tal-kummerċ stess, li jiddisponi li *ż-żminijiet kollha stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali, <u>huma perentorji</u>; u l-benefiċċju tar-restitutio inintegrum bis-saħħa ta' titolu, motiv jew privileġġ li jkun, ma jgħoddx.* (Emfażi ta' din il-Qorti)

F'dan ir-rigward issir referenza għas-Sentenza **Prim'Awla tal-Qorti ċivili tat-2 ta' Ottubru 2002 fl-ismijiet Anthony Sammut vs Joseph u Grace Peters** fejn insibu esposizzjoni ċara ħafna tad-distinzjoni bejn perijodi ta' preskrizzjoni u perijodi ta' dekadenza u fejn ġie stabbilit li l-Artikolu 541 tal-Kap. 13 ma jħalli ebda dubbju li l-leġislatur ried li ż-żminijiet kollha stipulati fil-Kodiċi tal-Kummerċ ikunu perentorji. Fl-imsemmija Sentenza ssir ukoll referenza għal Sentenza **tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tas-7 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Joseph Petroni nomine -vs- Joseph Zahra'** fejn ġie osservat is-segwenti:-

"*Ghalhekk, ghalkemm il-Kodici Kummercjali, fl-Artikoli ta' wara l-art. 633 (541) isemmi 'preskrizzjoni' din, minhabba l-art. 633 (541) titqies preskrizzjoni perentorja li ma tistax tkun ħlief dekadenza, altrimenti kif osservat anki l-ewwel Qorti, l-art. 633(541) jsir għal kollox inutili, u interpretazzjoni li twassal għas-superfluwita' għandha tiġi evitata*".

Din il-Qorti taqbel ma dan it-tagħlim. Isegwi għalhekk li jiġi eżaminat jekk il-forniment mertu ta' din il-Kawża jaqax taħt l-imsemmi artikolu. Jekk huwa l-każ allura tenut kont ta' meta saret il-fornitura sakemm saret il-kawża huwa manifestament ċar li l-eċċezzjoni għandha tintlaqa'.

Kif diġa’ aċċennat, hija sfortuna li l-leġislatur, għal snin twal, qatt ma ħass il-bżonn biex jiċċara dan il-punt. Huwa minnu li dan l-artikolu huwa pjuttost arkajiku. Kif formulat, meta ġie fis-seħħ ‘il fuq minn mija u ħamsin sena ilu, mad-daqqa t’għajn ma jidhirx daqshekk ċar dwar jekk il-fornitura li tissemma’, għandiex tkun waħda li trid tingħata kontemporanjament u b’konnessjoni mal-bini tal-bastiment jew jekk tirreferix għal kull fornituri li, jsiru meta jsiru, lill-bastiment.

Il-prinċipju interprettattiv ta’ *ejusdem generis* iservi ta’ għajnuna f’dan il-każ. Dan il-prinċipju ġie spjegat li jfisser *“A canon of construction holding that when a general word or phrase follows a list of specifics, the general word or phrase will be interpreted to include only items of the same class as those listed.”* (**Black’s Law dictionary, 9th Ed, Brian A garner, Editor in Chief, page 594**). Issa l-artikolu inkwistjoni jiddisponi “…*njam u ħwejjeg oħra meħtieġa għall-bini, armar* ***u*** *forniment ta’ bastiment*”. (Emfażi tal-Qorti). Il-kelma forniment issegwi materjal maħsub għal bini tal-bastiment. Ma hemmx “jew” iżda “u” u b’dan il-Qorti tifhem, li l-liġi qed issemmi biss materjal meħtieġ għal bini.

Il-Qorti tfakkar ukoll, li l-kwistjoni tal-estinzjoni u dekadenzi ta’ azzjonijiet għandu dejjem jingħata interpretazzjoni restrittiva, sabiex ma jiġux tronkati azzjonijiet kontra kull prinċipju ta’ ġustizzja, b’parti ssoffri inġustament (Ara **Sentenza tal-25 ta' Ġunju, 2015 fl-ismijiet Semago Trading Company Limited -vs- The Stork Enterprises Company et. Tal-Prim’Awla Qorti Ċivili**).

Għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti ser tkun qed tiċħad din l-eċċezzjoni.

Tajjeb li jingħad li din l-eċċezzjoni ma ngħatatx fis-Sentenza tal-Prim'Awla tal-10 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet, ċitata mis-Soċjeta' Attriċi (Ara a' fol 36).

*L-ammont mhux dovut*

Mit-tieni eċċezzjoni ma hux ċar, jekk il-konvenut nomine hux qiegħed jingħad li l-ammont mhux dovut għaliex tħallas jew għaliex il-konvenut nomine ma hux il-leġittimu kontradittur. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, il-konvenut nomine jgħid, li "*kien dejjem car li r-relazzjoni kuntrattwali tas-Socjeta' Attrici kienet wahda diretta ma' OW Bunker u qatt ma kien hemm ness kuntrattwali bejn il-partijiet f'din il-Kawza*" (Ara para 35 tan-nota). Għalhekk fid-dawl ta' din l-osservazzjoni, il-Qorti tasal biex tifhem, li dak li qiegħed verament jeċċepixxi il-konvenut nomine huwa, li ma hux il-leġittimu kontradittur. Huwa jgħid li obbligat li jħallas lil OW Bunker Malta Ltd, għaliex skontu, ma' din kellu relazzjoni ġuridika u l-anqas ma' OW Bunkers Spain Sl kif tgħid is-Soċjeta' Attriċi (ara a' fol 73 para 6.). Jekk għandu raġun f'dan l-argument, allura għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Qorti tirrileva, li l-azzjoni hija istitwita bħala waħda *in personam* u mhux *in rem*. Il-bastiment ma hux parti fil-kawża. Sabiex ikun jista' jingħad li l-azzjoni hija waħda *in rem* iridu jissusistu s-segwenti elementi :-

"(a) kreditu li jaqa' taħt wieħed mill-irjus imfissrin f'xi waħda mill-liġijiet imħarsa bl-Ordinanza dwar it-Trasferiment tal-Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Viċi-ammiraljat – illum sostitwit bl-Artikolu 742B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' Att numru XIV tas-sena 2006;

(b) <u>Azzjoni mmexxija speċifikatament kontra l-bastiment</u>;

(c) Il-preżenza tal-bastiment fit-territorju li jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti; (Emfażi tal-Qorti).

u

(d) Iż-żamma tal-bastiment fil-ġurisdizzjoni jew il-ħruġ ta' garanzija tajba biżżejjed biex kull sentenza li tista' tingħata kontra l-bastiment tista' tiġi eżegwita". (Ara **Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta April 2003 fl-ismijiet Valfracht Roro Line Limited -vs- Dr. Louis Cassar Pullicino**).

Il-Qorti eżaminat ukoll li l-mod kif inhu konfezzjonat ir-rikros ġuarmentat. Jidher ċar kemm mill-mod kif indirizzata u kif ukoll mill-premessi u t-talbiet, li l-azzjoni hija diretta kontra l-konvenut nomine u mhux kontra l-bastiment. Għalhekk huwa ċar li l-azzjoni ttentata ma hiex waħda *in rem* iżda *in personam.* Din hija waħda mid-differenzi, bejn dawn il-proċeduri u dawk li kellha quddiemha il-Qorti fis-Sentenza tal-10 ta' Mejju 2018, tant li hemm hekk ġie kkundannat biss il-bastiment, għaliex ġie stabbilit li l-azzjoni kienet waħda *in rem*.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tħoss ukoll, li għandha tosserva li għalkemm bastiment huwa meqjus li għandu personalita` ġuridika ai fini ta' promozzjoni ta' azzjoni meta jkun jirrikorru l-elementi kollha fuq imsemmija, l-fini aħħari dejjem ikun, li persuni fiżiċi ultimament iridu jiffaċċjaw, jekk mhux l-azzjoni fiha nnifisha, l-effetti tagħha fuq il-beni u patrimonju tagħhom.

F'dan ir-rigward huwa rilevanti li din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid il-kompjant **Professur J.M Ganado f'artikolu intitolat 'Jurisdiction and**

**Actions by Mortgagees'**: *"the majority of actions in rem are meant for the enforcement of obligations and according to the traditional classification of actions are in fact personal actions……it is a proceeding against a res, the purport of the proceeding is largely perceived as a procedural device by which to coerce a res owner to enter an appearance to an action, as a means of providing security in respect of the claim advanced". Ikompli jispjega li l-azzjoni in rem ma hiex dirett kontra "…. the wrong doing of the ship personified as an offender, but was a means of bringing the owner of the ship to meet his personal liability by seizing his property."* (Ara **Id-dritt 1977 pg. 62**).

Fil-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti l-azzjoni ma hiex diretta kontra l-bastiment (*in rem*) imma kontra s-Soċjeta konvenuta qua propjetarja tal-bastiment (*in personam*). Din id-differenza fl-azzjoni hija importanti għal din il-Kawża.

Għalhekk stabbilita x-xorta ta' azzjoni esperita, jmiss li jiġi kkunsidrat, jekk il-konvenut nomine hux il-leġittima kontradittur u jekk allura għandux iwieġeb għat-talbiet tas-Soċjeta' Attriċi. Il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għal dak li xehed Mark Cassar, direttur tas-Soċjeta' Attriċi, permezz ta' affidavit:

*"….jien li nixtieq niccara hija haga wahda biss. Ahna bhala Cassar Fuel Ltd, il-bunkers tajniehom direttament lill-bastiment in kwistjoni. Morna bil-vapuri taghna u tajniehom dirett hekk kif jista' jigi konfermat mill-bunker delivery note (BDN) illi ga presentajna. Dawn jigu ttimbrati mill-bastiment innifsu fejn jew il-kaptan jew chief engineer tal-vapur stess jiffirma huwa stess biex juri illi rcevew il-bunkers minghandna".* (a' fol 124). Fix-xhieda tiegħu jisħaq li ma jinteressaħx

lil min ħallas "*ghaliex il-fuel ahna tajnieh u mhux lil l-OW Bunkers ta' Spanja ta' Malta*" (a' fol 125).

Sarah Cassar, *head of sales Department* tas-Soċjeta' Attriċi, fl-affidavit tagħha ukoll tgħid hekk:

"Prova li seħħet din il-konsenja hija l-*bunker delivery note* li kopja tagħha ġiet ippreżentata fil-kawża u mmarkata bħala Dok A. Minn kif jidher dan id-dokument, din ġiet iffirmata mill-*barge master* u *chief engineer* tal-bastiment M/T GAZ UNITY u ttimbrat bis-siġill tal-bastiment. F'din il-*bunker delivery note* l-firmatrarji jkunu jikkonfermaw u qed jaqblu dwar il-kwantita' u kwalita' tal-konsenja suplita …" (a' fol 118).

Tul din il-kawża s-Soċjeta' Attriċi saħqet partikularment fuq din il-*Bunker Delivery note,* għaliex skontha, kienet din li ħolqot ir-relazzjoni ġuridika mal-konvenut nomine. Għalhekk irid jitqies x'tassew ifisser dan id-dokument fid-dawl taċ-ċirkostanzi u fatti li għandha quddiemha din il-Qorti. Għal dan l-iskop, qabel ma din il-Qorti tkompli teżamina l-provi tas-Soċjeta' Attriċi, jkun utli li ssir referenza għall-passaġġ partikulari fix-xhieda ta' Theodore Kotzabopoulos dwar fatt li jixhed jista' jixħet dawl fuq il-kwistjoni legali bejn il-partijiet. Dan josserva dan li ġej:

"*I note that the Plaintiff has not attached to the Application a copy of the O.W. Bunker* ***Purchase Order Confirmation no: 99-18254*** *issued by O.W Bunker Spain Sl in favour of Cassar Fuel Ltd. It appears that the Plaintiff is not willing to disclose to the Court full details of how the bunkers supplied to the M/T GAZ*

*UNITY were ordered and the fact that such order was placed by O.W Bunker Spain SL. For their own account and that this arrangement was accepted by the Plaintiff*" (Ara para 30 tal-Affidavit ta' Theodore Kotzabpoulos a' fol 339 u emfażi tal-Qorti).

Il-Qorti eżaminat sewwa r-rikors ġuramentat u jemerġi li għalkemm ir-rikors ġuramentat huwa dirett kontra s-Soċjeta' konvenuta, d-darba li tissemma' O.W. Bunkers Spain S.L. hija fi premessa numru 7. Is-Soċjeta' Attriċi ssostni, li s-Soċjeta' konvenuta kienet qed toqgħod lura mill-ħlas, għaliex qed tibża' li O.W Bunkers kienet fi stat ta' falliment, kif fil-fatt anke jirriżulta mill-provi mressqa. Is-Soċjeta' Konvenuta fil-fatt issostni li jekk tħallas lis-Soċjeta' Attriċi ser ikollha tħallas darbtejn għall-konsenja ta' żejt mertu tal-kawża.

Il-Qorti kompliet teżamina x-xhieda tas-Soċjeta' Attriċi. Jibda biex jingħad, li l-mod kif jinxtraw il-bunkers taż-żejt ħafna drabi jkun hemm katina ta' persuni involuti. F'termini ġenerali, jkun hemm supplier, bħal ma hi s-Soċjeta' Attriċi, l-Buyer, bħal ma hija O.W Bunker, li jixtri iż-żejt mingħand is-supplier u li dan ta' l-aħħar jerġa' jbiegħ lill-bastiment lis-sidien tiegħu, bħal ma huwa l-konvenut nomine. Ġieli ukoll jkun hemm persuna oħra involuta sakemm il-bunker jiġi fornut lill-bastiment u xi ħadd li jkun fuqu, fl-interess tal-bastiment u/jew sidien jirrilaxxja *Bunker delivery note* (BDN).

F'ċertu istanzi din tista' tkun il-bażi tal-kuntratt ta' forniment. Dan jiġri meta l-fornitura ssir dirett lill-bastiment u ma jkunx hemm l-interventi intermedjarji fix-xiri. Meta l-fornitura ma tkunx inxtrat direttament mill-bastiment jew il-propjetarju din isservi biss bħal prova tal-fornitura tal-bunker.

F'dan l-istadju jkun opportun li ssir referenza għall-osservazzjoni partikulari li għamlet il-Qorti fis-Sentenza kontinwament ċitata mill-partijiet **tal-Prim'Awla tal-10 ta' Mejju, 2018 fl-ismijiet Cassar Fuel Ltd. (C 28453) vs. Il-Bastiment bl-isem Princessa Guasimara et:**

"*Hija proprju din il-bunker delivery note li ħolqot relazzjoni ġuridika bejn il-bastiment konvenut li ordna l-fuel oil permezz tas-sidien tal-istess bastiment, is-sidien tal-bastiment konvenut u s-soċjetà attriċi, stante li l-konsenja tal-fuel oil ġiet aċċettata mill-bastiment konvenut soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ li jistipulaw li fl-aħħar mill-aħħar r-responsabbilità għall-ħlas tal-konsenja hija tal-bastiment konvenut.*

*Il-Qorti tirrileva li l-kawża odjerna mhijiex dwar dejn li ġie inkors fl-interess tal-bastiment meta s-sidien ma kellhomx f'idejhom il-bastiment. Dan lanqas mhuwa każ fejn saru żewġ konsenji paralleli u doppji. Inizjalment ir-relazzjoni ġuridika ta' sid il-bastiment tassew li kienet mas-soċjetà msejħa fil-kawża u s-sottokontrattazzjoni li s-soċjetà msejħa fil-kawża għamlet mas-soċjetà konvenuta li xtrat il-fuel oil mingħand is-soċjetà attriċi, inizjalment ma ħoloq ebda relazzjoni ġuridika ma' sid il-bastiment. Però hekk kif saret il-konsenja tal-fuel oil lill-bastiment konvenut mill-aħħar sottokuntrattur, is-soċjetà attriċi, u ġiet iffirmata l-bunker delivery note u ġiet aċċettata r-responsabbilità għall-ħlas flimkien mal-bunkerer (is-soċjetà konvenuta), inħolqot ir-relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u l-bastiment konvenut u sid il-bastiment, liema relazzjoni ġuridika tagħti lok għall-azzjoni in rem. Għaldaqstant is-somma pretiża mis-soċjetà attriċi hija dovuta in rem mill-bastiment konvenut.*" (Emfażi tal-Qorti).

Kif diġa' ġie rilevat aktar 'l fuq, il-Kawża li għandha quddiemha ma hiex *in rem* iżda *in personam*, għaliex ma hiex diretta kontra l-bastiment iżda kontra l-propjetarju u ċioe' il-konvenut nomine. Għalhekk ix-xhieda ta' Sarah Cassar u dokument li preżentat fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 mill-imsemmija xhud, jakkwistaw importanza dwar il-kwistjoni legali fil-Kawża. Dan huwa l-istess dokument li Theodore Kotzabopoulos jsemmi fix-xhieda tiegħu, li diġa' saret referenza għaliha aktar 'l fuq. F'din is-seduta tirriżulta din ix-xhieda:

"**Dr. Damien Deġiorġio**: *Sinjura Cassar jien fis-seduta li ghaddiet kont tlabtek biex tippresenta l-purchase confirmation order.*

**Xhud**: *Gibtu*

**Dr. Matthew Brincat**: *Se tippresenta tal-4 Vapuri ta.*

**Xhud**: *Nista' sakemm nahdem fuqha imbaghad nippresentha*.

**Dr.Damien** *Degiorgio: Xtaqt narah jekk joghgbok. Dan id-dokument jinhtieg a bazi ta' kuntratt esistenti, kif a bazi ta' xhiex?*

**Xhud** : *Dan johrog, jibghatu r-requirement taghhom, li jkollom bzonn il-vapur, jien naghtihom prezz, u kif nikkonkludu li jkun verbali generalment ahna nibghatu. Huma jibghatu purchase order. Huma jibghatu taghhom, u ahna nibghatu taghna li ahna kkonfermajna d-deal……*" (Ara fol 184 u 185 rikors 955/2108).

Din ix-xhud tkompli tixhed hekk:

"**Dr. Damien Deġiorġio**: *U inti din lil min, din il-purchase order lil min tibghatha?*

**Xhud**: *Jien nibghatha l-OW, f'dak il-kaz ghamilt id-deal mieghu li ukoll jghid bli sar ahna nghidu lil olo-master, l-owner u c-charter tal-vapur*.

**Dr. Damien Deġiorġio**: *Ok. Imma inti din lil-OW bghattha*.

**Xhud**: *Ezatt.*

**Qorti:** *Lil min bghattha?*

**Xhud**: *Lill-OW Bunker. L-Agent ta' li ghamilt id-deal maghhom.*" (A' fol 185 tergu u 186 emfażi tal-Qorti).

Mid-dokument esebit mix-xhud datat 22 ta' Ottubru 2014, jirriżulta li O.W Bunker Switzerland And jointly and severally Owners / Managing Owners / operations / Managers/ Disponant Owners /Charterers / Master and vessel *in Rem*. O.W Bunkers huma indikati bħala Buyer. L-account huwa ta' O.W Bunker Switzerland u d-data tal-forniment kellha tkun 29 ta' Ottubru 2014. Din id-data taqbel ma dik ta' meta saret il-fornitura mertu ta' dawn il-proċeduri (Ara a' fol 183).

B'ittra responsiva ta' O.W Bunker li ġġib l-istess data, fejn ma ħadd mill-persuni l-oħrajn ma jissemma', ġiet ikkonfermata l-ordni. Din hija l-istess waħda li jsemmi x-xhud Kotzabopoulos aktar 'l fuq li hija "Purchase order no: **99-18254**" (a' fol 169). Minn hemm 'l quddiem kien hemm katina ta' intermedjarji, fosthom kienet tinkludi lil Dimar Ltd deskritta bħala *physical supplier*.

Fid-dawl ta' dan kollu irid jiġi stabbilit jekk id-delivery il-Bunker Delivery note bin-numru 021 238, riċevuta mic-chief engineer tammontax għal rabta kuntrattwali

ta' xiri da parti tal-konvenut nomine direttament mingħand is-Soċjeta' Attriċi. Fi ftit kliem, jekk l-imsemmi chief engineer kienx qiegħed jorbot kuntrattwalment lill-konvenut nomine. Biex il-Qorti tkun tista' tagħmel apprezzament legali pjuttost panoramiku dwar min jista' jorbot lill-propjetarju għall-ħlas ta' fornituri, il-Qorti jeħtiġielha li teżamina bosta provvedimenti tal-liġi.

Fost oħrajn ai fini ta' arrest ta' bastiment, il-persuni li jirrappreżentaw il-persuni responsabbli huma *il-kaptan jew persuna oħra li tkun responsabbli għal dak il-vapur jew bastiment, jew l-aġent ta' dak il-vapur jew bastiment* (Ara artikolu 856(3) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Ai fini ta' artikolu 12(5) tal-Kap 234 tal-liġijiet ta' Malta huwa il-kaptan tal-bastiment, jew jekk dan ikun assenti minn dawn il-gżejjer, lill-aġent lokali maħtur għall-bastiment mis-sidien jew l-aġenti tagħhom, jew fin-nuqqas ta' dawk l-aġenti lokali fuq kuratur maħtur mill-qorti biex jirrappreżenta lid-debitur u lill-bastiment, u tifsira ta' kaptan ai fini L.S 499.23 tfisser il-Kaptan jew persuna oħra barra l-bdot jew l-għassies, li jkollha l-kmand, kariga jew ġestjoni ta' bastiment f'dak il-waqt. F'kap 352 tal-liġijiet ta' Malta "*kaptan" tfisser, meta wżata dwar xi bastiment, il-persuna li jkollha l-kmand tal-bastiment jew tkun inkarigata minnu għal dak iż-żmien, iżda ma tinkludix bdot.* Ai fini L.S 499.12 dwar BASTIMENTI TA' TAGĦBIJIET PERIKOLUŻI, TERMINALS U FAĊILITAJIET MARITTIMI U BUNKERING "aġent" tfisser persuna mogħtija l-inkarigu jew awtorizzata twassal informazzjoni f'isem is-sid tal-bastiment" u l-kelma "sid" tfisser sid, sid disponenti, charterer li lilu l-bastiment ikun ġie demised, managing operator jew Kaptan ta' bastiment jew sid tat-tagħbija tiegħu u kull aġent li jkun jaġixxi f'isem dawk l-entijiet.

Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel dan l-eżami tal-liġi biex tiskopri, jekk chief engineer ta' bastiment jistax ex lege jitqies li jirrappreżenta lill-propjetarju tal-bastiment. Waslet għal konklużjoni li le. Għalhekk biex ikun jista' speċifikament jagħmel operazzjoni bħal dik li jixtri ż-żejt, irid ikun appositament awtorizzat. Dan qiegħed jingħad b'aktar qawwa, fil-każ li l-azzjoni esperita ma tkunx *in rem*. Il-Qorti tfakkar li din il-kawża hija indirizzata kontra is-sid.

Kwantu għat-terms and conditions li qiegħed jingħad li ingħataw liċ-chief engineer, dawn ma jirrisultawx li ingħatawlu <u>kontestwalment</u> mad-dokument esebit bħala BDN (a' fol 5). Kull ma jgħid dan id-dokument hu li "*All deliveries are subject to CASSAR FUEL LIMITED GENERAL TERMS & CONDITIONS OF SALE*". Iżda ma jgħidx li fil-fatt qiegħdin jingħataw kontestwalment. Iżda anke li kien hekk, la darba c-chief engineer, la ex lege u lanqas ma kien awtorizzat mill-propjetarji jixtri direttament mingħand is-Soċjeta' Attriċi, xorta waħda ma kienx jinħoloq vinkolu kuntrattwali bejn il-partijiet. Biex dan isir hemm ħtieġa li dokument bħal dan jiġi ffirmat u aċċettat. Ic-chief engineer ma għandux dak li l-liġi ingliża ssejjaħ *ostentatious representation,* bħal ma għandu per eżempju Ministru biex jirrappreżenta lill-Istat jew Managing Director lill-kumpanija u kif fil-fatt jirriżulta mid-diversi liġijiet fuq imsemmija. Altru il-Kaptan, li huwa figura ċentrali fil-liġijiet marittimi altru chief engineer.

Kif diġa' rilevat, anke is-Sentenza ċitata tagħmel din l-osservazzjoni f'dan ir-rigward:

"*kif saret il-konsenja tal-fuel oil lill-bastiment konvenut mill-aħħar sottokuntrattur, is-soċjetà attriċi, u ġiet iffirmata l-bunker delivery note u ġiet aċċettata r-*

*responsabbilità għall-ħlas flimkien mal-bunkerer (is-soċjetà konvenuta), inħolqot ir-relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u l-bastiment konvenut u sid il-bastiment, liema relazzjoni ġuridika tagħti lok għall-azzjoni in rem. Għaldaqstant is-somma pretiża mis-soċjetà attriċi <u>hija dovuta in rem mill-bastiment konvenut.</u>*

*Iżda s-soċjetà attriċi għal xi raġuni <u>naqset li tippreżenta kopja tal-imsemmi dokument iffirmat mis-soċjetà konvenuta u għaldaqstant m'hemm l-ebda prova in atti li seħħet kontrattazzjoni mas-soċjetà konvenuta fejn din aċċettat r-responsabbilità għall-ħlas tal-merkanzija.</u>"* (Emfażi tal-Qorti).

Dwar il-fatt li c-chief engineer aċċetta id-*Delivery note* huwa utli ħafna dak li jixhed H.J Shepherd prodott mis-soċjeta' konvenuta nomine:

"*I understand that Cassar also contend that the bunker supply contract was entered into LPG NEW ship with Cassar Fuel Ltd upon the Chief Engineer signing the BDN which recorded the delivery of the quantity of bunkers received by the vessel, such BDN being signed after delivery of the bunkers has taken place. Based on my 33 years of experience working as a maritime lawyer, I believe it is inherently improbable that the chief engineer of a large merchant vessel would have authority to enter into a bunker supply contract. A chief engineer of a large merchant vessel is most unlikely to have the authority to negotiate or agree marine fuel prices, delivery charges, credit period and other terms of a bunker supply contract, In my experience, where a large merchant vessel is involved, such matters are always handled by shire personnel at the office of the vessel's mangers or time charterers…. To my knowledge a bunker*

*delivery note is a document that, pursuant to the MARPOL international regulations, a bunker supplier is required to issue and the vessel is required to countersign after the bunkers have been delivered aboard the vessel. This is most unlikely time for the parties to be entered a bunker supply contract…" (Ara a' fol 180).*

Hija rilevanti ħafna r-referenza għal Marpol international regulations. Dawn jiddisponu li *"The bunker delivery note shall include a declaration signed and certified by the fuel oil supplier's representative that the fuel oil supplied is in conformity with regulation 18.3 of MARPOL Annex VI and that the sulphur content of the fuel oil supplied does not exceed:….".*

Huwa sinjifikanti li dawn ir-regolamenti jirreferu għas-supplier's representative u ma jagħmlux referenza għal min irid jaċċetthom għall-bastiment, propju għaliex mhux wisq importanti min jiffirma li qed jaċċetthom. Għaliex ai fini ta' min jaċċetthom hija kwistjoni formali ta' rikonoxximent li l-merkanzija ġiet riċevuta. Dan il-fatt għandu rabta mal-BDN rilaxxjat u li allura jagħti aktar affidabbilita' lix-xhieda ta' dan ix-xhud tant li anke dan jindika li kien qiegħed jinħareġ b'konformita' "*with the Regulations 14(1) or (4)(a) and regulations 18(1) od Annex of Marpol 73/78*."

Ġie mgħallem li "*b' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Tali att jew atti huma, imbaghad, ravvizabbli minn manifestazzjoni ta' volonta', ossija ta' dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkustanzi li fih javvera t-traffiku guridiku twassal fid-destinatarju*

*t-tifsira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Burmarrad Commercials Ltd -vs-Desmond Mizzi et", tat-28 ta' Frar, 2007**).

Il-Qorti, għalhekk, wara li rat id-dokumenti kollha u l-prassi kummerċjali fil-katina ta' aġenti li normalment jkunu involuti fix-xiri kumpless ta' żejt, li jeħtieġ negozjati pre kuntrattwali bejn nies tekniċi fil-materja, issibha inverosimili għall-aħħar, li ix-xiri taż-żejt sar biss bis-saħħa ta' BDN konsenjat lic-chief engineer.

F'tali ċirkostanza, dan id-dokument huwa biss prova ta' aċċettazzjoni tal-oġġett mixtri, f'dan il-każ xiri ta' bunkering wara li l-kuntratt tax-xiri kien diġa' kien konkjuż bejn is-Soċjeta' Attriċi u O.W Bunker Spain S.L. kif jindikaw id-dokumenti fuq imsemmija. Imkien ma jirriżulta li kien hemm xi konnessjoni kuntrattwali bejn il-partijiet fil-Kawża, ħlief li l-konvenut nomine kien irċieva l-merkanzija bħala l-aħħar ħolqa fil-katina ta' relazzjonijiet kuntrattwali.

Il-Qorti tissuspetta, li s-Soċjeta' Attriċi kienet konsapevoli dwar dan pero', iżda bħas-Soċjeta' konvenuta, kellha biżgħa, li mhux ser tirkupra l-prezz tal-merkanzija mingħand OW Bunkers peress li din is-Soċjeta' kienet fi stat ta' falliment. Dak li qalet fil-konfront tal-konvenut nomine fir-rikors ġuramentat f'dan ir-rigward kien fil-fatt sentiment li kellha hi ukoll. Ir-riskju tal-falliment tad-debitur u li allura ma jsirx il-ħlas, dejjem huwa preżenti fid-dinja tan-negozju.

Fl-aħħar nett, is-Soċjeta' rikorrenti bħal donnha targumenta, li l-fatt li s-Soċjeta' konvenuta ħarġet il-garanzija bankarja tramite l-Bank Of Valletta' favur tas-Soċjeta' Attriċi, dan ifisser li b'hekk assumiet ir-responsabbilita' tal-ħlas (ara

premessa 6 tar-rikors ġuramentat). Il-konvenut nomine jgħid li dan għamlu mingħajr preġudizzju. Għalkemm li dan minn imkien ma jirriżulta, minn naħa l-oħra, hemm konsiderazzjonijiet oħra li jridu jsiru.

Qabel xejn il-garanzija ħarġet biex il-bastiment jinħeles mill-arrest. Il-propjetarju kellu interess li jkun hemm dan il-ħelsien, kemm għaliex t-termini taż-żmien fi ħwejjeġ marittimi għandu valur pekunjarju kbir b'konsegwenzi ta' danni kbar u kif ukoll, għaliex il-konvenut nomine dejjem għandu l-obbligu li jimminimiżża d-danni u dan fl-interess tas-Soċjeta' Attriċi ,f'każ li jirriżulta li ma għandiex raġun b'mod partikulari, jekk tkun ħarrket ħażin.

Trid tinżamm distinzjoni bejn atti kommessi waqt Kawża u dawk magħmula fil-mori ta' mandati kawtelatorji li jinħarġu sitwazzjonijiet impellabbli, anke jekk dak li jkun fil-mertu ma għandux tort jew responsabbilita', biex jeħles lilu nnifsu mill-effetti gravi u pesanti li jġibu magħhom il-mandati kawtelatorji. Meta persuna milquta minn mandat, twettaq atti proċedurali biex teħles mill-effetti negattivi li dan iġib fuqha, ma jfissirx b'daqshekk, li din tkun qed tirrikonoxxi li għandha xi xorta ta' relazzjoni ġuridika fir-rigward ta' xi obbligazzjoni li fil-bidu tal-ħolqien tagħha hija ma kinitx parti għaliha.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel** eċċezzjoni tal-konvenut nomine.

**Tilqa' it-tieni** eċċezzjoni u tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż tal-Kawża a' karigu tas-Soċjeta' Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**